

Brussell, 27 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14804/23

AG 127
INST 419
JUR 647

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 26 ta' Ottubru 2023

lil: The Secretary-General of the Council of the European Union

Nru dok. Cion: COM(2023) 664 final

Suġġett: RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL
dwar il-ħidma tal-kumitati fl-2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 664 final.

Mehmuż: COM(2023) 664 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2023
COM(2023) 664 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar il-ħidma tal-kumitati fl-2022

{SWD(2023) 340 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-ħidma tal-kumitati fl-2022

1. INTRODUZZJONI

F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹ (ir-“Regolament tal-Komitoloġija”), il-Kummissjoni b'dan qed tippreżenta r-rapport annwali tagħha dwar il-ħidma tal-kumitati għall-2022.

Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fl-2022 fis-sistema tal-“komitoloġija”, li tirreferi għall-kumitati li l-Kummissjoni tikkonsulta dwar abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn il-kumitati huma magħmula minn rappreżentanti tal-Istati Membri, ippreseduti mill-Kummissjoni, u jsegwu proċeduri operattivi differenti skont l-att bażiku rilevanti (ara t-Tabella II).

Ir-rapport jipprovdi sommarju tal-attivitajiet tal-kumitati u huwa akkumpanjat minn **dokument ta' ħidma tal-persunal** tal-Kummissjoni li fih statistika dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitati individwali għal kull settur ta' politika². Huwa jenfasizza l-bidliet u x-xejriet ewlenin osservati fuq bażi annwali, billi jippreżenta ċifri ġenerali dwar il-laqgħat, il-proċeduri bil-miktub, l-opinjoni mogħtija (jiġifieri opinjoni pożittiva, negattiva jew l-ebda opinjoni) u l-atti adottati. Jagħti wkoll ħarsa ġenerali lejn il-każijiet riferuti lill-kumitat ta' appell u l-oġġezzjonijiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija. Tingħata wkoll informazzjoni dwar il-miżuri adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IŻVILUPPI FIS-SISTEMA TAL-KOMITOLOĠIJA FL-2022

2.1. Żviluppi ġenerali

Il-kumitati tal-komitoloġija operaw fl-2022 skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament dwar il-Komitoloġija, jiġifieri l-konsulenza (l-Artikolu 4) u l-eżami (l-Artikolu 5), kif ukoll skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni dwar il-Komitologija³.

Bit-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, sar possibbli li jsiru laqgħat fiżiċi (jew ibridi) tal-kumitati tal-komitoloġija b'mod aktar regolari. Il-laqgħat kollha, indipendentement mill-forma li fiha saru (fi preżenza fiżika, mill-bogħod jew f'format ibridu)

¹ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

² Kif koperta mid-dipartimenti tal-Kummissjoni li jittrattaw l-oqsma ta' politika rispettivi.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni, konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

huma elenkati bħala laqgħat fir-Reġistru tal-Komitologija⁴ u r-rekord sommarju jispeċifika l-forma tal-laqgħa.

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁵ ifakkar fil-ħtieġa li l-atti li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) jiġu allinjati mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona. Id-diskussjonijiet interistituzzjonali komplew fl-2022 dwar l-allinjament tal-atti bażiċi li fadal, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni tal-2016. Fir-rigward tal-proposta ta' allinjament ġenerali⁶, wara qbil parzjali li ntlaħaq fl-2019, il-parti li jifdal li tkopri 104 atti għadha soġġetta għal aktar diskussjonijiet peress li l-koleġiżlaturi s'issa ma setgħux jaqblu dwar jekk jallinjawx l-atti RPS ma' atti delegati jew ma' atti ta' implimentazzjoni. Sadanittant, 25 att jew tħassru permezz ta' atti leġislattivi oħra jew kellhom id-dispożizzjonijiet tal-RPS tagħhom allinjati ma' atti delegati jew ma' atti ta' implimentazzjoni fil-kuntest ta' emendi leġislattivi magħmula lill-atti bażiċi rispettivi. Dawn l-atti m'għadx għandhom bżonn jiġu allinjati fil-kuntest ta' din il-proposta.

Dwar il-proposta ta' allinjament speċifiku dwar il-qasam tal-ġustizzja⁷, intlaħaq qbil fl-2022. Permezz tar-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2022, il-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, mingħajr emendi ulterjuri. It-test finali, li ġie ppubblikat fil-25 ta' Ottubru⁸, jikkonċerna biss l-allinjament⁹ tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati, peress li ż-żewġ atti l-oħra tal-proposta oriġinali sadanittant tħassru.

Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2017¹⁰ li għandha l-għan li temenda r-Regolament dwar il-Komitoloġija (UE) Nru 182/2011 dwar il-kumitat ta' appell, u b'mod partikolari li tindirizza sitwazzjonijiet ta' "ebda opinjoni" f'oqsma sensitivi¹¹, ma kien possibbli l-ebda progress fl-2022 peress li l-pożizzjonijiet rispettivi tal-koleġiżlaturi baqgħu 'l bogħod ħafna minn xulxin.

⁴ <https://ec.europa.eu/transparency/comitology-register/screen/home?lang=mt>

⁵ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1), ara l-punt 27.

⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, COM(2016) 799 final.

⁷ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2016) 798).

⁸ ĠU L275, 25.10.2022, p30. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=OJ:L:2022:275:TOC>

⁹ L-unika dispożizzjoni fir-Regolament li ttipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għet emendata biex ttipprevedi l-użu ta' atti delegati, biex jiġu emendati l-annessi biex jiġu aġġornati l-formoli standard.

¹⁰ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017) 085 final).

¹¹ Il-Kummissjoni pproponiet emendi mmirati għar-Regolament dwar il-Komitoloġija biex tiġi evitata l-okkorrenza ta' sitwazzjoni fejn hija legalment obligata li tiegħu deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni fin-nuqqas ta' maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri li jieħdu pożizzjoni (jew favur jew kontra) fil-kumitat/kumitat ta' appell. Fil-fehma tal-Kummissjoni, tali sitwazzjoni ta' "ebda opinjoni" hija partikolarment problematika meta tikkonċerna kwistjonijiet politikament sensitivi ta' impatt dirett fuq iċ-ċittadini u n-negozji, pereżempju fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti.

Il-Kummissjoni kompliet tippubblika l-abbozzi ta' testi għal atti delegati u ta' implimentazzjoni importanti għal perjodu ta' erba' ġimgħat, biex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom. Fl-2022, ġew ippubblikati 72 abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni għall-feedback pubbliku fuq is-sit web¹² “Semma' leħnek”, li huwa ffit inqas mill-85 abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni li ġew ippubblikati fl-2021.

2.2. Żviluppi ġurisprudenzjali

Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2022, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*¹³, il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-699/17. Il-kawża kienet dwar il-perjodu tranżitorju u d-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-bidla mit-Trattat ta' Nizza għat-Trattat ta' Lisbona. Din tikkonċerna l-applikazzjoni fiż-żmien tal-Artikolu 3(2) tal-Protokoll 36 tat-Trattat ta' Lisbona, li jipprevedi li, bejn l-1 ta' Novembru 2014 u l-31 ta' Marzu 2017, meta att għandu jiġi adottat b'maġġoranza kwalifikata, Stat Membru jista' jitlob li l-att jiġi adottat f'konformità mal-maġġoranza kwalifikata applikabbli qabel il-31 ta' Ottubru 2014 (jiġifieri l-maġġoranza kwalifikata li kienet tapplika qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona). It-tilwima kienet tikkonċerna jekk kemm it-talba ta' Stat Membru kif ukoll il-vot kellhomx isiru qabel il-31 ta' Marzu 2017, jew jekk kienx biżżejjed li t-talba minn Stat Membru ssir qabel dik id-data filwaqt li l-vot seta' jseħħ wara. Il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet li kien biżżejjed li Stat Membru kien għamel it-talba qabel il-31 ta' Marzu 2017, u, wara appell, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Fir-rigward tat-trasparenza tax-xogħol tal-kumitati tal-komitoloġija, fil-kawżi magħquda T-371/20 u T-554/20 (*Pollinis France vs il-Kummissjoni*¹⁴), il-Qorti Ġenerali eżaminat ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għad-dokumenti (skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001¹⁵) li jindikaw il-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri espressi fil-kuntest ta' kumitat tal-komitoloġija. Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Settembru 2022, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-Kummissjoni li kienu bbażati fuq il-ħtieġa li jiġi protett il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej u annullat id-deċiżjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni li jirrifjutaw l-aċċess. Sussegwentement, il-Kummissjoni appellat mis-sentenza.

3. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET

Iċ-ċifri indikati fit-taqsimiet li ġejjin huma kollha bbażati fuq is-sejbiet ippreżentati fid-dettall fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah.

3.1. Għadd ta' kumitati

Dan ir-rapport jiffoka esklussivament fuq il-kumitati tal-komitoloġija, li huma stabbiliti mil-leġiżlatur biex jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tagħha tas-setgħat ta' implimentazzjoni

¹² https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

¹³ C-207/21 P, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja*, ECLI:EU:C:2022:560.

¹⁴ T-371/20 u T-554/20, *Pollinis France vs il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2022:556.

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

li ngħatawlha permezz ta' atti legali bażiċi. L-entitajiet l-oħra, b'mod partikolari l-gruppi tal-esperti stabbiliti mill-Kummissjoni stess, mhumiex koperti minn dan ir-rapport.

It-Tabella I tippreżenta l-għadd ta' kumitati tal-komitoloġija li eżistew matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022, biċ-ċifri għas-sena ta' qabel miżjuda għat-tqabbil.

TABELLA I — L-GĦADD TOTALI TA' KUMITATI

Dipartiment tal-Kummissjoni	2021	2022
AGRI (Agrikoltura u Żvilupp Rurali)	12	12
BUDG (Baġit)	2	2
CLIMA (Azzjoni Klimatika)	5	5
CNECT (Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija)	11	15
DEFIS (Industrija tad-Difiża u l-Ispazju)	13	8
DIGIT (Informatika)	1	0
EAC (Edukazzjoni u Kultura)	4	4
ECFIN (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)	2	2
ECHO (Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili)	2	2
EMPL (Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni)	6	5
ENER (Enerġija)	14	13
ENV (Ambjent)	27	26
ESTAT (Eurostat)	2	1
FISMA (Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali)	11	11
FPI (Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija)	1	2
GROW (Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs)	39	38
HOME (Migrazzjoni u Affarijiet Interni)	20	18
INTPA (Sħubijiet Internazzjonali)	3	3
JUST (Ġustizzja u Konsumaturi)	28	24
MARE (Affarijiet Marittimi u Sajd)	3	3
MOVE (Mobilità u Trasport)	33	31
NEAR (Viċinat u Negożjati għat-Tkabbir)	3	2
OLAF (Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi)	1	1
REFORM (Appoġġ għal Riformi Strutturali)	2	1
REGIO (Politika Reġjonali u Urbana)	0	2
RTD (Riċerka u Innovazzjoni)	31	17
SANTE (Saħħa u Sikurezza Alimentari)	33	33
SG (Segretarjat Ġenerali) *	3	3
TAXUD (Tassazzjoni u Unjoni Doganali)	28	26
TRADE (Kummerċ)	13	12
TOTAL:	353	322

* Inkluż il-kumitat ta' appell¹⁶

Fl-2022, kien hemm **322 kumitat tal-komitoloġija** li kienu jeżistu matul is-sena, inkluż il-konfigurazzjonijiet kollha tal-kumitati¹⁷. Dan jirrappreżenta tnaqqis żgħir fl-għadd ta' kumitati meta mqabbel mal-2021 (meta kien hemm 353 kumitat tal-komitoloġija). Dan kien prinċipalment minħabba l-abolizzjoni ta' għadd ta' kumitati "qodma" li kienu servew taħt il-ġenerazzjoni preċedenti ta' programmi u fondi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)¹⁸. Hekk kif leġiżlazzjoni ġdida li daħlet fis-seħħ fl-2022 ħolqot kumitati ġodda fi ftit każijiet

¹⁶ Il-kumitat ta' appell huwa rreġistrat fir-Reġistru tal-Komitoloġija bħala kumitat taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat Ġenerali. Fil-prattika, madankollu, huwa ġestit mid-dipartimenti kkonċernati.

¹⁷ Fi ftit atti bażiċi, il-leġiżlatur ippreveda konfigurazzjonijiet speċifiċi tal-kumitat.

¹⁸ Dawn tneħħew gradwalment matul l-2021, b'mod parallel mal-ħolqien ta' kumitati "ġodda" maħluqa taħt il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi u fondi tal-QFP (2021-2027).

biss, l-għadd ta' kumitati tal-komitoloġija naqas mill-2021 u reġa' lura għal-livelli rreġistrati fis-snin ta' qabel l-2021¹⁹.

TABELLA II — L-GĦADD TA' KUMITATI SKONT IL-PROĊEDURA

Dipartiment tal-Kummissjoni	Tip ta' proċedura				TOTAL:
	Konsultattiva	Eżami	Regolatorja bi skrutinju	Proċeduri multipli	
AGRI	0	8	0	4	12
BUDG	0	1	0	1	2
CLIMA	0	1	0	4	5
CNECT	1	7	0	7	15
DEFIS	0	1	0	7	8
DIGIT	0	0	0	0	0
EAC	0	3	0	1	4
ECFIN	0	1	0	1	2
ECHO	0	2	0	0	2
EMPL	1	1	1	2	5
ENER	2	7	0	4	13
ENV	0	12	1	13	26
ESTAT	0	0	0	1	1
FISMA	0	5	2	4	11
FPI	0	2	0	0	2
GROW	2	11	2	23	38
HOME	1	15	0	2	18
INTPA	0	3	0	0	3
JUST	7	11	2	4	24
MARE	0	2	0	1	3
MOVE	3	13	1	14	31
NEAR	0	2	0	0	2
OLAF	0	1	0	0	1
REFORM	1	0	0	0	1
REGIO	0	0	0	2	2
RTD	0	3	0	14	17
SANTE	0	12	0	21	33
SG*	0	3	0	0	3
TAXUD	0	10	0	16	26
TRADE	3	4	0	5	12
TOTAL:	21	141	9	151	322

*Inkluż il-kumitat ta' appell

It-Tabella II turi analiżi tal-kumitati fl-2022 skont it-tip ta' proċedura li biha operaw (jiġifieri l-proċedura konsultattiva, il-proċedura ta' eżami, il-proċedura regolatorja bi skrutinju). Kumitati b'diversi proċeduri ġew separati minn dawk li joperaw bi proċedura unika.

3.2. Għadd ta' laqgħat u proċeduri bil-miktub

L-intensità tal-attività tal-kumitati hija primarjament definita mill-għadd ta' laqgħat tal-kumitat u l-għadd ta' proċeduri bil-miktub²⁰. Dawn huma ppreżentati fit-Tabella III li ġejja.

¹⁹ 2019: 318, 2020: 320

TABELLA III — L-GĦADD TA' LAQGĦAT U PROĊEDURI BIL-MIKTUB

Dipartiment tal-Kummissjoni	Għadd ta' kumitati	Laqgħat		Proċeduri bil-miktub	
		2021	2022	2021	2022
AGRI	12	121	100	104	52
BUDG	2	6	4	2	0
CLIMA	5	5	5	8	3
CNECT	15	13	15	21	30
DEFIS	8	36	46	12	7
DIGIT	0	0	0	0	0
EAC	4	8	11	12	17
ECFIN	2	2	14	0	0
ECHO	2	8	7	8	12
EMPL	5	0	0	0	0
ENER	13	10	18	0	8
ENV	26	24	23	20	10
ESTAT	1	3	3	16	7
FISMA	11	14	10	17	23
FPI	2	3	9	0	6
GROW	38	33	30	42	78
HOME	18	41	49	38	60
INTPA	3	19	18	168	14
JUST	24	30	21	6	6
MARE	3	4	3	16	10
MOVE	31	61	40	37	20
NEAR	2	7	19	41	48
OLAF	1	0	0	0	0
REFORM	1	0	1	0	2
REGIO	2	1	3	7	3
RTD	17	41	62	148	355
SANTE	33	93	95	634	813
SG*	3	6	12	10	6
TAXUD	26	39	31	23	36
TRADE	12	18	24	70	49
TOTAL:	322	646	673	1 476	1 675

* Inkluż laqgħat/proċeduri bil-miktub tal-kumitat ta' appell

Kien hemm **673 laqgħa** fl-2022, li huma ftit aktar milli fl-2021 (646), b'**1 675 proċedura bil-miktub**, li huma wkoll aktar mis-sena ta' qabel (1 476).

3.3. Għadd ta' opinjonijiet u atti ta' implimentazzjoni

Dan ir-rapport jagħti wkoll indikazzjoni tal-output tanġibbli tal-kumitati, li huwa indikatur importanti ieħor tal-livell ta' attività. It-Tabella IV tippreżenta ċ-ċifri ġenerali dwar l-opinjonijiet formali mogħtija mill-kumitati u l-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti adottati

²⁰ Il-votazzjoni tal-kumitati tista' sseħħ f'laqgħa regolari tal-kumitat jew, f'każijiet debitament ġustifikati, permezz ta' proċedura bil-miktub, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Komitoloġija.

mill-Kummissjoni²¹, filwaqt li tindika wkoll il-każijiet fejn il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill eżerċitaw id-dritt ta' skrutinju tagħhom skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija.

TABELLA IV — L-GĦADD TA' OPINJONIJIET U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI ADOTTATI²²

Dipartiment tal-Kummissjoni	Opinjonijiet ²³		Atti ta' implimentazzjoni adottati		Riżoluzzjonijiet tal-Parlament / Deċiżjonijiet tal-Kunsill (l-Artikolu 11)
	2021	2022	2021	2022	2022
AGRI	101	103	100	100	0
BUDG	2	0	1	0	0
CLIMA	9	4	9	5	0
CNECT	43	31	41	30	0
DEFIS	19	12	14	16	0
DIGIT	0	0	0	0	0
EAC	8	21	8	24	0
ECFIN	1	17	0	17	0
ECHO	8	13	9	13	0
EMPL	0	0	0	0	0
ENER	3	30	0	21	0
ENV	24	25	15	22	0
ESTAT	16	10	15	9	0
FISMA	22	25	18	22	0
FPI	0	5	0	4	0
GROW	62	85	31	73	0
HOME	67	58	36	49	0
INTPA	168	106	167	104	0
JUST	9	13	8	9	0
MARE	16	13	9	19	0
MOVE	64	48	61	55	0
NEAR	40	110	40	108	0
OLAF	0	0	0	0	0
REFORM	0	2	0	1	0
REGIO	7	3	5	5	0
RTD	149	354	110	333	0
SANTE	818	819	775	907	10 (Il-Parlament Ewropew)
SG*	13	13	2	0	0
TAXUD	50	43	47	40	0
TRADE	76	85	71	86	0
TOTAL:	1 782	2 048	1 592	2 072	10

*Inkluż opinjonijiet mogħtija mill-kumitat ta' appell. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, l-atti ta' implimentazzjoni adottati li jgħaddu mill-kumitat ta' appell jingħaddu mal-kumitati tal-ewwel livell fl-oqsma ta' politika rispettivi. Informazzjoni dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitat ta' appell hija pprovduta fit-Tabella V.

²¹ L-għadd ta' opinjonijiet u atti/miżuri ta' implimentazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari jista' jvarja; ir-raġunijiet għal dan huma spjegati fl-introduzzjoni tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

²² Fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni adottati, l-indikazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni (oqsma ta' politika) tfisser li l-atti inkwistjoni tnejjew (għew diskussi u/jew ivvutati) f'kumitat ġestit minn dan is-servizz tal-Kummissjoni; f'xi każijiet l-adozzjoni proprja tal-att kienet formalment żgurata minn servizz ieħor tal-Kummissjoni.

²³ Votazzjoni li tirriżulta f'"ebda opinjoni" tingħadd fl-għadd totali ta' opinjonijiet peress li dan huwa wieħed mill-eżiti possibbli tal-votazzjoni fil-kumitat.

Il-kumitati taw **2 048 opinjoni**²⁴ fl-2022, li turi żieda apparagun tal-2021 (1 782 opinjoni), li tindika ammont akbar ta' xogħol. Bl-istess mod, l-għadd ta' **2 072 att ta' implimentazzjoni** adottati wara proċedura ta' kumitat kien ukoll konsiderevolment ogħla milli fis-sena preċedenti (1 592).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom dritt ta' skrutinju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Komitoloġija. Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta 10 riżoluzzjonijiet abbażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija, li kollha kienu jikkonċernaw atti tad-DĠ SANTE. Il-Kunsill ma eżerċitax id-dritt tiegħu li jopponi abbozz ta' miżura taħt din id-dispożizzjoni fl-2022.

3.4. Laqgħat tal-kumitat ta' appell

Kif indikat fit-Tabella V hawn taħt, il-kumitat ta' appell iltaqa' 11-il darba matul l-2022, u ddiskuta 13-il abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni rreferiet għalih. Bl-użu ta' konsultazzjonijiet bil-miktub għal 6 abbozzi ta' att u votazzjoni f'laqgħa f'7 minnhom, ma ħareġ "l-ebda opinjoni" fit-13-il każ kollha²⁵. Il-Kummissjoni adottat it-13-il att ta' implimentazzjoni kollha wara l-votazzjoni tal-kumitat ta' appell, iżda tnejn minn dawn l-adozzjonijiet seħħew fl-2023.

TABELLA V — L-ATTIVITÀ TAL-KUMITAT TA' APPELL

Dipartiment tal-Kummissjoni	Għadd ta' laqgħat/konsultazzjonijiet bil-miktub tal-kumitat ta' appell		L-għadd ta' opinjonijiet ²⁶ tal-kumitat ta' appell		L-għadd ta' atti adottati wara opinjoni tal-kumitat ta' appell	
	2021	2022	2021	2022	2021	2022
MOVE	1/0	0/0	1 (0)	0 (0)	1	0
SANTE	4 /10	10/6	10 (10)	12 (12)	10	10
TRADE	1/0	1/0	1 (1)	1 (1)	1	1
TOTAL:	6/10	11/6	12	13 (13)	12	11

3.5. Użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju

Ir-Regolament dwar il-Komitoloġija żamm l-effetti tal-proċedura regolatorja bi skrutinju peress li l-atti bażiċi eżistenti jirreferu għaliha²⁷. Din il-proċedura ma tistax tibqa' tiġi introdotta f'leġislazzjoni ġdida, iżda xorta tidher f'ħafna atti bażiċi eżistenti u se tkompli tapplika skont dawk l-atti sakemm is-setgħat rispettivi jkunu ġew allinjati mal-għoti ta' setgħat għal atti delegati jew inkella ta' implimentazzjoni (kif indikat fit-Taqsima 2.1).

²⁴ Il-maġġoranza assoluta tal-voti kienet pożittiva, filwaqt li "l-ebda opinjoni" nġhatat fi 33 każ (esklużi dawk fil-livell tal-kumitat ta' appell). Ma kien hemm l-ebda każ ta' vot negattiv.

²⁵ Aktar dettalji jinstabu wkoll fid-dokument ta' akkumpanjament ta' ħidma tal-persunal.

²⁶ It-terminu "opinjoni" jinkludi wkoll ix-xenarju fejn l-eżitu formali huwa "ebda opinjoni" li jfisser li ma hemm l-ebda maġġoranza meħtieġa fl-ebda sens. L-għadd ta' "ebda opinjoni" huwa indikat fil-parentesi.

²⁷ L-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tar-Regolament tal-Komitoloġija.

Fl-2022, ġew adottati 68 miżura skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju (ara t-Tabella VI hawn taħt), li hija identika għaċ-ċifra fl-2021 (68).

Fl-2022, l-ebda wieħed mill-koleġiżlaturi ma għamel użu mid-dritt li jopponi l-atti skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Bħala paragun, fl-2021, il-Parlament Ewropew oppona darbtejn²⁸, filwaqt li l-Kunsill ma uża xejn minn dan id-dritt.

²⁸ Ara d-dettalji f'SWD(2022)279, p. 102.

TABELLA VI — L-GĦADD TA' MIŻURI ADOTTATI SKONT IL-PROCĊEDURA REGOLATORJA BI SKRUTINJU

Dipartiment tal-Kummissjoni	Proċedura regolatorja bi skrutinju — miżuri adottati	Il-Parlament Ewropew oppona l-adozzjoni ta' abbozzi ta' miżuri	Il-Kunsill oppona l-adozzjoni ta' abbozzi ta' miżuri
AGRI	0	0	0
BUDG	0	0	0
CLIMA	0	0	0
CNECT	0	0	0
DEFIS	0	0	0
DIGIT	0	0	0
EAC	0	0	0
ECFIN	0	0	0
ECHO	0	0	0
EMPL	0	0	0
ENER	0	0	0
ENV	2	0	0
ESTAT	2	0	0
FISMA	2	0	0
FPI	0	0	0
GROW	7	0	0
HOME	0	0	0
INTPA	0	0	0
JUST	0	0	0
MARE	0	0	0
MOVE	0	0	0
NEAR	0	0	0
OLAF	0	0	0
REGIO	0	0	0
REFORM	0	0	0
RTD	0	0	0
SANTE	55	0	0
SG	0	0	0
TAXUD	0	0	0
TRADE	0	0	0
TOTAL:	68	0	0

4. KONKLUŻJONI

L-attività tal-kumitati kompliet fl-2022 b'żieda fl-intensità. B'mod ġenerali kien hemm 322 kumitat fuq il-post tax-xogħol, li organizzaw 673 laqgħa, wettqu 1 675 proċedura bil-miktub u taw 2 048 opinjoni. Filwaqt li jippermettu lill-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll tagħhom f'konformità mar-Regolament dwar il-Komitoloġija, il-kumitati jipprovdu assistenza siewja lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha mill-koleġiżlaturi.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-Rapport.